Qorti tal-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Rikors numru: 446/02

**L-Avukat Dr. John Refalo bhala prokuratur ghan-nom u in rapprezentanza tad-ditta estera ITALCASEA s.r.l.** **(appellata)**

**vs**

**Francis Debrincat & Sons Ltd. u Franco Scicluna** **(appellant)**

30 ta' Gunju, 2017

1. Fil-5 ta' Lulju, 2002 l-attur harrek lill-konvenuti fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) ghas-somma ta' €5,780, prezz ta' merkanzija li nbieghet lilhom.

2. Is-socjeta' konvenuta wiegbet li m'hijiex debitur ghaliex ma xtrat xejn minghand l-attrici.

3. Il-konvenut ma wegibx, pero' waqt is-seduta tal-15 ta' Jannar 2003 iddikjara li qieghed jikkontesta t-talba ghaliex ghandu jircievi *credit note* minghand l-attrici.

4. B'sentenza tal-21 ta' Jannar, 2016 l-ewwel qorti:

   i. laqat l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta u lliberatha mill-osservanza tal-gudizzju ;
   ii. cahdet l-eccezzjonijiet tal-konvenut u kkundannatu jhallas is-somma ta' €5,150.87 skont ir-rata ta' kambju ta' 2.4214 tal-Bank Centrali tal-20 ta' Gunju, 2002.

5. Il-konvenut Franco Scicluna appella mis-sentenza. L-aggravji huma li (1) ghandu taghrif li fil-mori tal-proceduri, l-attrici m'ghadhiex tezisti u ghalhekk il-proceduri mhumiex integri; (2) L-ewwel qorti ghamlet apprezzament skorrett tal-provi.

6. Ghal dak li jirrigwarda l-ewwel aggravju m'hemmx prova li s-socjeta attrici estera m'ghadhiex tezisti. Fil-fatt fis-seduta tas-7 ta' Frar, 2017 l-appellant irtira l-ewwel aggravju.

7. Ghal dak li jirrigwarda l-apprezzament tal-provi, mis-sentenza hu evidenti li l-qorti kkunsidrat fid-dettall il-provi li tressqu. Quddiem l-ewwel qorti l-appellant m'argumentax li n-negozju ma kienx sar. Ghalhekk il-qorti ma tifhimx kif illum qieghed isostni:

   *'3. (….) is-socjeta appellata ma ressqet l-ebda xhud in sostenn tat-talbiet taghha jew sabiex tikkorabora l-verzjoni moghtija mill-mandatarju taghha'*.

   Tant in-negozju sehh li l-konvenut jargumenta li l-merkanzija li kienet giet konsenjata kienet ta' kwalita inferjuri. F'kull kaz, id-difiza ghandha ssir b'mod formali fi twegiba u bhala regola waqt l-appell m'ghandhomx jinghataw eccezzjonijiet li ma jkunux inghataw quddiem l-ewwel qorti.

8. Il-konvenut argumenta wkoll li l-konsenji mibghuta mis-socjeta appellata ma kinux tal-livell u kwalita miftiehma, u li l-kwalita hazina tal-konsenji giet korraborata minn Dennis Mizzi u Mario Caruana. Ghal dak li huma provi:

   i. Fis-seduta tas-17 ta' Gunju, 2009 il-konvenut xehed, *'fil-fehma tieghi l-kwalita baghtha inferjuri hafna. Ghalhekk kont ghamilt talba sabiex is-socjeta' estera li semmejt tibghatli credit note, pero' din qatt ma waslet. Xorta wahda ordnajt konsenja ohra ta' laring, fil-fatt in rigward din it-tieni konsenja pero', din mhux biss kienet ta' kwalita inferjuri pero' lanqas kienet tajba sabiex tinghasar. Fil-fatt di nit-tieni konsenja bghattha kollha kemm hi l-Maghtab'*.
   ii. Fis-seduta tat-13 ta' Jannar, 2011 il-konvenut xehed li meta x-xoghol wasal Malta, *'kien fi stat hazin. Jiena mmedjatament kont kellimt lill-kumpannija u huma kienu qaluli li ser jibghatuli credit note u jiena stajt narm x-xoghol. Kien hemm dan l-arrangament ghaliex ghalihom ma kienx ikun vijabbli illi nerga' nibghatilhom ix-xoghol lura…. dan id-diskors li kien sar fir-rigward tal-credit note kien sar fir-rigward tal-ewwel konsenja ta' xoghol li kont ordnajt minghand is-socjeta u dan kien ghall-bidu ta' Jannar. Wara dan ix-xoghol kont ghamilt konsenja ohra li giet ikkonsenjata lili bejn nofs jew l-ahhar ta' Jannar. F'dan il-kaz ukoll ghalkemm weghduni li x-xoghol kien ser ikun tajjeb rega' kelli l-istess problema u din id-darba addirittura rega' kelli xoghol nieqes'*.
   iii. Fis-seduta tat-13 ta' Jannar, 2011 xehed Dennis Mizzi li qal li fil-bidu tal-2001 kien mar ighin lill-konvenut ihott xoghol minn container; *'Meta infetah il-container fejn kienet il-konsenja u bdejna nhottu l-laring, indunajna li kien hemm hafna minn dan il-laring imhassar'*. Zied li x-xoghol kien iddahhal fl-imhazen u, *'…. kien gie certu pesuna maghruf bhala l-buttar li ghandu scammel u kien jiehu dan il-laring biex jarmih'*.

iv. Fis-seduta tat-3 ta' Marzu, 2011 xehed Mario Caruana li fuq darbtejn kien ghabba laring fl-iscammel tieghi u remieh.

9. Kuntrarjament ghal dak li xehed il-konvenut, jirrizulta li credit note kienet inharget fit-22 ta' Marzu, 2001 (fol. 8) fejn jinghad:

> *'OGGETTO: LETTERA DI ACCREDITO NO 06/01.*
>
> *RIFERIMENTO NOSTRE INTESTE EMETTIAMO NOTA CREDITO PER MERCE NON CONFORME ALL'ORDINE, SPECIFICATA COME SEGUE:*
>
> *RIFERIMENTO NOSTRA FATTURA NO 19/01/E DEL 08/02/2001*
> *ARANCE KG 4.515.20 X LIT. 250 = LIT 1,128.800…..'*

Peress li jidher li f'dawn il-proceduri l-attrici ma naqsitx is-somma li tissemma fil-credit note, qalet sew l-ewwel qorti li:

> *'.. ladarba d-dritt ghall-credit note gie rikonoxxut u din bhala fatt inharget, is-somma li semmai l-attur nomine ghandu dritt jezigi l-hlas taghha hija dik ta' Lit. 10.060.800, li tammonta ghal Lm2,127.23, ossia 5,150.87 skont ir-rata tal-kambju iktar 'l fuq citata, u mhux l-ammont intier ta' Lit. 11,189.600'.*

10. M'hemmx provi sufficjenti li jistghu jwasslu lill-qorti biex tikkonkludi li kien hemm xi *credit notes* ohra li nhargu mill-attrici. F'dan ir-rigward l-oneru tal-prova kien fuq il-konvenut. Jekk inhargu *credit notes* ohra suppost qeghdin ghand il-konvenut. Inoltre, fil-*credit note* fuq imsemmija jinghad li nharget skont ftehim sabiex taghmel tajjeb ghal ***'merce non conforme all'ordine'.*** Rilevanti li fl-20 ta' Marzu, 2001 l-attrici baghtet fax lill-konvenut (fol. 2) fejn infurmatu li sa dakinhar kien ghadu ma hallasx il-kontijiet numri 10/01 tat-18 ta' Jannar 2001 u 19/01 tat-8 ta' Frar, 2001 u sejhitlu biex ihallas fi zmien hamest ijiem u li fin-nuqqas kienet ser tipprocedi kontrih sabiex tithallas. Il-*credit note* inharget fit-22 ta' Marzu, 2001. Hu ghalhekk evidenti li minn meta ntbaghatet il-fax tal-20 ta' Marzu, 2001 sakemm inharget il-*credit note* tat-22 ta' Marzu, 2001 saret diskussjoni bejn il-partijiet u ntlahaq ftehim dwar it-tieni konsenja, tant li nharget *credit note*.

11. Dwar l-ewwel konsenja ta' laring ma jirrizultax li ntlehaq ftehim li kellha tinhareg *credit note*. F'dan ir-rigward ma gie pprezentat l-ebda dokument li seta' nhareg f'dak iz-zmien li jikkorabora l-verzjoni tal-appellant. Anzi mill-fax tat-22 ta' Marzu 2001 (fol. 4) hu car li l-attrici li kienet qeghda tikkontesta l-ilment tal-konvenut. Tant hu hekk li kitbet:

> *'Qualora all'arrivo della merce, la stessa non corrisponde alle esigenze o caratteristiche della merce stess, e' facolta del compratore di rifiutare la merce, lasciarla a disposizione dello speditore, e il venditore provvedera diversamente.*

*Considerato che nessun documento valido esiste da parte vostra, vi invitiamo a pagare la merce con la massima sollecitudine'*.

Fic-cirkostanzi l-qorti ma tistax tqies li hu verosimili li fir-rigward tal-ewwel konsenja (kont 10/01 tat-18 ta' Jannar, 2001), ufficjal tal-attrici kien qal lill-appellant ser jibghatulu *credit note* (ara deposizzjoni tal-appellant a fol.94). Kieku sar xi diskors simili, probabbilment:

i. Il-*credit note* kienet tinhareg kif inharget fir-rigward tat-tieni konsenja;
ii. Kienet tissemma fil-korrispondenza li ntbaghatet mill-attrici;
iii. L-attrici ma kinitx tikkontesta l-ilment tal-konvenut.

12. Il-qorti zzid li ghal dak li jirrigwarda l-ewwel konsenja (invoice no. 10 tat-18 ta' Jannar, 2001) u fir-rigward ta' liema l-konvenut xehed li kienet ta' kwalita inferjuri, qatt ma xehed li l-merkanzija kienet intremiet. Lanqas ma pprezenta prova dokumentarja li dwar dik il-konsenja kien irregistra ilment mas-socjeta attrici fiz-zmien li rcieva l-merkanzija. Inoltre minkejja li qal li l-laring kien ta' kwalita inferjuri (fol. 84), ma tax dettalji. Il-qorti zzid li lanqas mhu verosimili li l-ewwel konsenja kienet hazina meta tqies li matul ix-xahar ta' wara l-konvenut rega' xtara iktar laring minghand l-attrici.

13. Fir-rigward tax-xhieda Dennis Mizzi u Mario Caruana, il-qorti tikkonkludi li ma kkoraborawx li z-zewg konsenji kellhom nuqqasijiet.

14. Dan apparti li l-qorti kienet tistenna li kieku verament fiz-zewg konsenji l-kien hemm laring imhassar, il-qorti kienet tistenna li l-konvenut jiehu hsieb li jikkonserva prova, bhal per ezempju jiehu ritratti u jinkariga persuna li taghmel quality control sabiex thejji rapport dwar il-konsenji u l-kwalita tal-laring konsenjat. Minn dan kollu jidher li m'ghamel xejn u b'hekk ma saret l-ebda konservazzjoni ta' prova.

15. Il-qorti tosserva wkoll kif fir-rigward ta' dak li nghad mill-ewwel qorti f'pagni 8 u 9 tas-sentenza, il-konvenut m'ghamel l-ebda argument validu kontra r-ragunament tal-qorti. F'dik il-parti tas-sentenza l-qorti kkonkludiet li wkoll jekk il-laring konsenjat ma kienx tal-kwalita pattwita, '*.... il-konvenut bl-agir tieghu stess ippregudika b'mod irrimedjabbli l-posizzjoni tieghu vis-a-vis il-pretensjonijiet attrici kontrih'* u spjegat kif billi rriferiet ghal zewg sentenzi u kkonkludiet:

> *'Applikati dawn il-principji guridici in ezami fejn, mhux biss ma jirrizultax b'mod sodisfacenti li l-konvenut effettivament issalvagwardja l-posizzjoni tieghu ai termini tal-Ligi izda jirrizulta li l-istess konvenut b'mod unilaterali ghazel li jiddisponi mil-laring konsenjat lilu, bl-ewwel konsenja probabbilment mibjugha u t-tieni konsenja allegatament mormija minghajr pero' prova konkreta li dan sar fuq struzzjonijiet jew bil-kunsens tas-socjeta venditrici.....'*

16. Maghmula dawn il-konsiderazzjonijiet il-qorti tikkonkludi li mhemmx bazi biex tiddisturba d-decizjoni tal-ewwel qorti.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-appellant.**

Anthony Ellul.